MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2011

Numru 760/2011

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli
Spettur Anthony Agius)

vs

Jesmond Haidon

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita numru 70471(M), akkuzat talli gewwa Rahal Gdid f’xi hin bil-lejl f’xi zmien matul l-14 u t-18 ta’ Novembru 2010, flimkien ma persuni ohra gewwa c-cimiterju ta’ l-Addolorata:

1. ikkommetta serq tal-monument tal-metal maghruf bhala ‘SANDS’ (Still Born and National Death Society), liema serq huwa aggravat, bil-hin, bil-mezz u bil-valur li

jeccedi 2,329.37 Ewro, u dan ghad-detrement ta’ l-ghaqda SANDS u/jew persuna/i u/jew entita` u/jew entitajiet ohra;

2. fl-istess lok, zmien u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` hsara fil-pedestall ta’ l-istess monument misruq, liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Ewro, diversi oqbra u affarijiet ohra gewwa c-cimiterju ta’ l-Addolorata, liema hsara taccedi 116.47 Ewro, izda li ma teccedix 1164.69 Ewro u dan sar u dan ghad-detrement ta’ l-imsemmija ghaqda SANDS u/jew persuna/i u/jew entita` u/jew entitajiet ohra;

3. fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, flimkien ma persuni ohra, xjentement, jew b’negligenza, nuqqas ta’ hila jew ta’ osservanza ta’ regolamenti kkaguna dannu lil jew qered propjeta` kulturali sew jekk tali propjeta` kulturali tkun sew jekk ma tkunx registrata f’xi inventarju skond l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` l-imsemmijja statwa u pedestal;

4. fl-istess perjodu u cirkostanzi, irciva jew iddetena propjeta` kulturali u cioe` l-imsemmija statwa filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f’Malta jew li tkun giet illegalment esportata minn xi pajjiz;

5. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi imsemmija hawn fuq dahal fic-cimiterju tal-Addolorata minghajr il-permess tal-persuna jew persuni nkarigati minn dawn ic-cimiterji;

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jittrattaw primarjament is-serq aggravat bil-hin, mezz u valur. Il-gravita’ tieghu, apparti li s-serq hu dejjem gravi ‘per natura’, hu li, fil-kaz in ispecje, sar minn gewwa c-Cimiterju tal-Addolorata fuq oggett konsistenti

f’statwa b’detriment tas-socjeta’ “SANDS” li skond l-akkuza tifforma parti mill-wirt kulturali.

L-ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Wara li semghet l-partijiet jittrattaw, tiddeciedi:

li filwaqt li tiddikjara l-imputat hati; rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278(2) u l-proviso , 279(2) u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 53(1)(a)(c) tal-Kap 445; tikkundanna lill-imputat sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u tikkundannah billi tapplika l-Artikolu 28H tac-citat Kap li jhallas zmien mhux oltre sitt xhur mill-lum is-somma ta’ €5,000 lis-socjeta’ “Still Born and National Death Society”.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------